# Karnival Solitarju

Patrick Sammut

F'dal-karnival kiesaħ
ninża' għarwien u nħalli
l-kesħa tal-art taħkimni,
immur lura fil-għar
li fih xi darba fl-iljieli mbiegħda
kont bniedem tassew.
Naħrab mill-belt
u nimxi ħafi fuq il-blat niggieżi
nixrob l-ilma ġieri
u nħalli għelm passejja
fit-tajn frisk.

F'dal-karnival kiesaħ
nagħlaq għajnejja u nsodd widnejja
u fid-dalma nilmaħ ilwien ħarkiena
u nisma' n-noti primordjali
'il bogħod minn dawn
jiemi u mkieni banali.

Nerġa' ntiegħem il-laħam nej
tal-bhejjem slavaġ
waqt li nimraħ lejn beraħ
ix-xagħri, l-iġbla u l-widien,
hekk, weqfin quddiemi dejjiema
u nberred dat-turmenti ġewwiena
biex fl-aħħar nitbissem tbissima ta' vera
u nħossni ninħakem
minn tal-ħuġġieġa s-sħana
'il bogħod minn dis-siegħa baħnana...